III. Membri ġodda ⁽¹⁾ (aqbeż dan il-punt jekk mhux applikabbli)

Isem reġistrat: Bázakerettye Község Önkormányzata
Indirizz: Fő utca 4, 8887 Bázakerettye, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.bazakerettye.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Letenye Város Önkormányzata
Indirizz: Kossuth Lajos u. 10, 8868 Letenye, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.letenye.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Bánokszentgyörgy Község Önkormányzata
Indirizz: Petőfi u. 1, 8891 Bánokszentgyörgy, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.banokszentgyorgy.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Kerkaszentkirály Község Önkormányzata
Indirizz: Petőfi u. 2/A, 8874 Kerkaszentkirály, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.kerkaszentkiraly.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Kistolmács Község Önkormányzata
Indirizz: Fő u 51, 8868 Kistolmács, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.kistolmacs.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Murarátka Község Önkormányzata
Indirizz: Liliom u. 1, 8868 Murarátka, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.muraratkahonlap.extra.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Muraszemenye Község Önkormányzata
Indirizz: Béke u. 2, 8872 Muraszemenye, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.muraszemenye.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

(1) Jekk jogħġbok ikkopja t-test għal kull membru ġdid.

Isem reġistrat: Zajk Község Önkormányzata
Indirizz: Iskola u. 1, 8868 Zajk, l-Ungerija
Indirizz tal-Internet: www.zajk.extra.hu
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: l-Ungerija

Isem reġistrat: Općina Legrad
Indirizz: Trg Svetog Trojstva 52A, 48317 Legrad, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.opcinalegrad.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Općina Sveta Marija
Indirizz: Trg Bana Jelačića 1, 40326 Sveta Marija, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.svetamarija.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Općina Orehovica
Indirizz: Čakovečka 9, 40322 Orehovica, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.orehovica.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Općina Domašinec
Indirizz: Martina Pušteke 9, 40318 Dekanovec, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.opcina-domasinec.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Grad Ludbreg
Indirizz: Trg Svetog Trojstva 14, 42230 Ludbreg, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.ludbreg.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Grad Prelog
Indirizz: Glavna ulica 35, 40323 Prelog, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: www.prelog.hr
Tip ta' membru: awtorità lokali
Pajjiż: il-Kroazja

Isem reġistrat: Međimurska Županija
Indirizz: Ruđera Boškovića 2, 40000 Čakovec, il-Kroazja
Indirizz tal-Internet: <https://medjimurska-zupanija.hr>
Tip ta' membru: awtorità reġjonali
Pajjiż: il-Kroazja

V

(Avviżi)

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika li temenda n-notifika ta' bidu ta' proċediment antisussidji li jirrigwarda l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu

(2020/C 48/11)

Fis-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppubblikat notifika li tagħti bidu għal investigazzjoni antisussidji rigward l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mill-Eġittu ⁽¹⁾ (in-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019²). Fit-Taqsima 3 tan-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni rriżervat espliċitament id-dritt li tinvestiga sussidji oħra ta' rilevanza li jistgħu jiġu divulgati matul l-investigazzjoni. Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni sabet evidenza addizzjonali ta' sussidji rilevanti li ma kinux inklużi f'dik in-notifika. Għalhekk, skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ ("ir-Regolament bażiku"), il-Kummissjoni tqis li huwa ġġustifikat li dawn is-sussidji jiġu inklużi fl-ambitu tal-investigazzjoni attwali u li għaldaqstant tiġi emendata n-notifika tas-7 ta' Ġunju 2019. Aktar informazzjoni tinstab f'nota fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati.

1. Skemi addizzjonali investigati

Il-parti rilevanti tat-Taqsima 3 tan-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019 tgħid hekk:

"Apparti s-sussidji mogħtija direttament mill-Gvern tal-Eġittu, l-ilmentatur jallega ulterjorment li l-produtturi mill-Eġittu tal-prodott li qed jiġi investigat jibbenefikaw ukoll mis-sussidji mogħtija direttament mill-Gvern tal-Eġittu jew permezz tal-entitajiet Eġizzjani fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn l-Eġittu u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għat-tkattir tal-investimenti f'żona ekonomika speċjali (iż-Żona ta' Kooperazzjoni Ekonomika u Kummerċjali tas-Suez bejn iċ-Ċina u l-Eġittu). L-ilment fih evidenza tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn il-Gvernijiet Ċiniżi u Eġizzjani kif ukoll ta' self minn Entitajiet tal-Istat Ċiniż jew Entitajiet ikkontrollati mill-Istat Ċiniż lil banek proprjetà tal-Istat Eġizzjan. Fid-dawl tal-oġġettivi ta' dawn il-ftehimiet u s-self, l-ilmentatur isostni li dan is-self huwa ta' benefiċċju għall-produttur esportatur li huwa proprjetà taċ-Ċina fl-Eġittu.

L-ilmentatur jallega wkoll li l-miżuri ta' hawn fuq huma sussidji billi jinvolvu kontribuzzjoni finanzjarja mill-Gvern tal-Eġittu (inklużi l-korpi pubbliċi) u jikkonferixxu benefiċċju lill-produtturi esportaturi tal-prodott li qed jiġi investigat. Dawn huma allegatament limitati għal ċerti impriżi jew industrijiet jew grupp ta' impriżi u/jew kontinġenti fuq il-prestazzjoni tal-esportazzjoni u għaldaqstant huma speċifiċi u kumpensabbli. Fuq dik il-bażi, l-ammonti ta' sussidju allegati jidhru li huma sinifikanti għall-Eġittu."

L-investigazzjoni żvelat evidenza addizzjonali fir-rigward tal-flussi finanzjarji li jikkonċernaw self governattiv aġevolat mhux rifless fit-Taqsima 3 tan-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019. B'mod partikolari, matul l-investigazzjoni l-Kummissjoni identifikat li minbarra s-self imsemmi fl-ilment kif mġħoddi lill-produtturi esportaturi permezz ta' banek Eġizzjani li huma proprjetà tal-Istat, kien hemm self mogħti minn entitajiet Ċiniżi li huma proprjetà tal-Istat jew li huma kkontrollati mill-Istat direttament lill-produttur esportatur uniku fl-Eġittu u indirettament permezz tal-kumpaniji relatati tiegħu stabbiliti fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Peress li dan il-finanzjament preferenzjali jista' jkun attribwibbli lill-Gvern tal-Eġittu, il-Kummissjoni teħtieġ tinvestigah ukoll fil-proċedimenti li għaddejjin bħalissa.

⁽¹⁾ ĠU C 192, 7.6.2019, p. 30.

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.)

L-investigazzjoni wriet ukoll li dik il-kooperazzjoni bejn il-Gvern tal-Eġittu u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina setgħet influwenzat Prattiki oħra ta' sussidju, flimkien mat-trasferiment ta' fondi permezz ta' self aġevolat (bħall-provvista ta' art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata). F'din l-investigazzjoni l-Kummissjoni se tkompli teżamina dan l-element.

Għalhekk, f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, it-test li ġej għandu jiżdied man-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019 immedjatament wara t-test ikkwotat hawn fuq:

“Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni identifikat evidenza addizzjonali ta' self governattiv aġevolat minn entitajiet Ċiniżi li huma proprjetà tal-Istat jew li huma kkontrollati mill-Istat, mogħti direttament lil Jushi Egypt u/jew indirettament permezz tal-kumpanija omm ta' Jushi Egypt fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

Fir-rigward ta' dan is-self, il-Kummissjoni identifikat evidenza li dan jinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja li tista' tkun attribwibbli lill-Gvern tal-Eġittu u tagħti benefiċċju lill-produttur esportatur tal-prodott investigat. Jidher li dan huwa limitat għal ċerti impriżi jew industrij jew grupp ta' impriżi u/jew soġġett għall-prestazzjoni tal-esportazzjoni u għalhekk huwa speċifiku u kumpensabbli. Jidher li l-ammonti ta' dan is-self jinvolvu sussidjar sinifikanti.

Matul l-investigazzjoni, il-Kummissjoni identifikat ukoll elementi oħra fil-kooperazzjoni bejn l-Eġittu u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina li jistgħu jkunu rilevanti biex jiġu eżaminati Prattiki oħra ta' sussidju, bħall-provvista ta' art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.”

2. Kwistjonijiet proċedurali

2.1. Il-proċedura għad-determinazzjoni tas-sussidjar: il-produtturi esportaturi:

Skont l-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku, il-partijiet interessati kollha kkonċernati mill-inklużjoni ta' dawn is-sussidji fl-ambitu tal-investigazzjoni (inkluż il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina) huma mistiedna jippreżentaw il-fehmiet tagħhom bil-miktub, jibagħtu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn rigward dawn is-sussidji. Fid-dawl tal-ambitu limitat tal-investigazzjoni dwar is-sussidji l-ġodda, il-kummenti dwar dawn is-sussidji fl-investigazzjoni antisussidji attwali jeħtieġ li jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Sabiex tikseb l-informazzjoni li tqis meħtieġa għall-investigazzjoni tagħha fir-rigward ta' dawn is-sussidji ġodda, il-Kummissjoni se titlob informazzjoni addizzjonali lill-awtoritajiet tal-Eġittu u tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, kif ukoll lil Jushi Egypt u l-kumpaniji relatati tagħha fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. It-tweġibiet għal dawn it-talbiet iridu jingħataw fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika. Kopja ta' dawn it-talbiet hija disponibbli fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati.

Sommarju tal-elementi prinċipali li jikkonċernaw dawn is-sussidji jinstab fil-fajl li jistgħu jikkonsultawh il-partijiet interessati.

Il-Gvern tal-Eġittu ġie mistieden għall-konsultazzjonijiet.

2.2. Seduti ta' smiġh

Skont l-Artikolu 10(12) tar-Regolament bażiku, fi żmien 15-il jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea il-partijiet interessati kollha jistgħu jitolbu wkoll li jinstemgħu mill-Kummissjoni.

Il-perjodu ta' żmien għas-smiġh stabbilit fit-taqsim 5.7 tan-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019 ikompli japplika f'din l-investigazzjoni.

2.3. Kwistjonijiet proċedurali oħra

Ir-regoli proċedurali l-oħrajn kollha msemmija fit-taqsimiet 3, 4, 5, 6, 7, 8, 9, 10, 11 u 12 tan-Notifika tas-7 ta' Ġunju 2019 jibqgħu japplikaw għal din l-investigazzjoni fejn rilevanti.

PROCĊDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-
KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9681 — Inflexion/ICG /Marston)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 48/12)

1. Fl-4 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- Inflexion Private Equity Partners LLP ("Inflexion", ir-Renju Unit),
- Intermediate Capital Group ("ICG", ir-Renju Unit),
- Marston Corporate Limited ("Marston", ir-Renju Unit).

Inflexion u ICG jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Marston.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- Inflexion: ditta ta' ekwità privata b'firxa ta' investituri minn istituzzjonijiet kbar sa individwi,
- ICG: ġestjoni ta' assi u attiva fl-istrutturar u l-provvista ta' finanzjament intermedju, kreditu ingranat u ekwità privata fl-Ewropa, l-Asja Paċifiku u l-Istati Uniti tal-Amerka,
- Marston: fornitur ta' servizzi tat-trasport u ta' infurzar tad-djun fir-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9681 — Inflexion/ICG /Marston

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9748 — KKR/Dentix Health Corporation)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 48/13)

1. Fl-4 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- KKR & Co. Inc. ("KKR", l-Istati Uniti tal-Amerka),
- Dentix Health Corporation, S.L.U. ("Dentix Health Corporation", Spanja)

KKR takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani ta' Dentix Health Corporation kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- KKR: ditta ta' investiment dinji li toffri firxa wiesgħa ta' servizzi ta' ġestjoni ta' assi alternattivi lill-investituri u tipprovdi soluzzjonijiet għas-swieq tal-kapital għad-ditta, il-kumpaniji tal-portafoll tagħha u klijenti oħra,
- Dentix Health Corporation: fornitur ta' servizzi tal-kura tas-snien, permezz ta' network ta' aktar minn 370 klinika li huma kollha proprjetà tagħha u mħaddma minnha fi Spanja, l-Italja, il-Portugall, il-Kolombja, iċ-Ċili, il-Messiku u r-Renju Unit.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9748 — KKR/Dentix Health Corporation

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9703 — SCP/Real)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 48/14)

1. Fl-4 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- SCP Group S.à.r.l. ("SCP Group", il-Lussemburgu), ikkontrollata minn: (i) Sistema, li hija korporazzjoni finanzjarja ta' stokks bi sħab (ir-Russja), li finalment hija kkontrollata minn Vladimir Evtushenkov u (ii) Felix Evtushenkov (ir-Russja),
- in-negozju "real" ("real Group", il-Ġermanja), ikkontrollat minn METRO AG (il-Ġermanja).

SCP takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet, il-kontroll tar-*real Group* kollu kemm hu. Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' xiri ta' ishma u assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- SCP Group: investimenti bbażati fuq il-proprjetà immobbli u servizzi ta' konsulenza,
- *real Group*: forniment ta' ikel u prodotti mhux tal-ikel lil tal-ħwienet permezz ta' 276 hypermarkets fil-Ġermanja u permezz ta' bejgħ online, kif ukoll ipproċessar -tar-laħam ("Meister feines Fleisch - feine Wurst GmbH") u servizzi ta' hłas diġitali.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.9703 — SCP/Real

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.9733 — ENGIE/Mirova/Predica/JV)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2020/C 48/15)

1. Fis-6 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾.

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- ENGIE SA ("ENGIE", Franza),
- Mirova S.A. ("Mirova", Franza), ikkontrollata mill-BPCE Group ("BPCE", Franza),
- Predica Prévoyance Dialogue ("Predica", Franza), li tappartjeni għall-grupp Crédit Agricole S.A., u
- il-Kumpanija fil-Mira: portafoll ta' sitt impjanti tal-elettriku mill-ilma li jinsabu fil-Portugall.

ENGIE, Mirova u Predica jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' portafoll ta' assit tal-elettriku mill-ilma (il-"Kumpanija fil-Mira"), li bħalissa hija proprjetà ta' EDP - Gestão da Produção de Energia, li mn-naħa tagħha hija proprjetà minn EDP.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitàjiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- ENGIE: ENGIE hija kumpanija attiva fl-oqsma tal-provvista tal-gass u tal-elettriċità, kif ukoll fis-servizzi tal-enerġija,
- Mirova: Mirova hija kumpanija Franċiża li tiġġestixxi l-assi,
- Predica: Predica hija kumpanija Franċiża tal-assikurazzjoni fuq il-ħajja u s-saħħa, u li tappartjeni għall-grupp Franċiż, Crédit Agricole,
- il-Kumpanija fil-Mira: il-Kumpanija fil-Mira tikkonsisti f'portafoll ta' sitt impjanti ta' enerġija elettrika mill-ilma li jinsabu fit-Tramuntana tal-Portugall u li bħalissa hija proprjetà tas-sussidjarja EDP - Gestão da Produção de Energia, li min-naħa tagħha hija proprjetarja kollha kemm hi ta' EDP.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

Il-Każ M.9733 — ENGIE/Mirova/Predica/JV

Il-kummenti jstgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż dwar talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE**Talba ta' entità Kontraenti – sospensjoni tad-data tal-iskadenza**

(2020/C 48/16)

Fil-1 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet talba skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. L-ewwel jum tax-xogħol wara li waslet it-talba kien it-2 ta' Marzu 2018 u l-perjodu inizjali disponibbli għall-Kummissjoni biex tiddeċiedi dwar din it-talba kien ta' 145 jum tax-xogħol.

Din it-talba saret minn Finavia Oyj u tikkonċerna l-attivitajiet relatati mal-forniment ta' stabbilimenti kummerċjali għall-atturi kummerċjali li jipprovdu servizzi kummerċjali (mingħajr dazju, bejgħ bl-imnut, ikel u xorb u servizzi oħrajn għall-passiġġieri) għall-passiġġieri tat-titjiriet fit-terminals tal-ajruport ta' Helsinki fil-Finlandja. L-avviżi rilevanti ġew ippubblikati fil-paġna 21 tal-ĠU C 114 fit-28 ta' Marzu 2018 u fil-paġna 9 tal-ĠU C 359 fil-5 ta' Ottubru 2018.

Skont il-punt 2 tal-Anness IV tad-Direttiva 2014/25/UE, il-Kummissjoni tista' teħtieġ li l-Istat Membru jew l-entità kontraenti kkonċernata jew l-awtorità nazzjonali indipendenti kompetenti, jew kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti oħra, jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa kollha, jew jissupplimentaw jew jiċċaraw l-informazzjoni mogħtija flimitu ta' żmien xieraq. Fil-5 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni talbet lill-Applikant biex jipprovdi informazzjoni addizzjonali sa mhux iktar tard mit-9 ta' Ottubru 2018.

Fil-każ ta' tweġibiet li jaslu tard jew mhux sħaħ, l-iskadenza inizjali għandha tiġi sospiża għall-perjodu bejn l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit fit-talba għall-informazzjoni, u l-wasla tal-informazzjoni sħiħa u korretta.

Għaldaqstant, l-iskadenza formali se tiskorri wara 52 jum ta' xogħol wara l-wasla tal-informazzjoni kompluta u korretta.

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT